**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 18 ta' Ottubru 2023**

**Kawża Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 428/2023 JVC**

**Jeanette Borg sive Borg Bonaci**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Jeanette Borg sive Bonaci talbet kif isegwi:

'1. Illi l-attriċi Jeanette Borg sive Borg Bonaci twieldet nhar l-ewwel (01) ta' Frar tas-sena elf u disa' mija u erbgħa u sebgħin (1974), hekk kif jirriżulta mill-att tat-twelid tagħha

bin-numru tal-iskrizzjoni elf u ħames mija u disgħin (1590) tas-sena elf u disa' mija u erbħga u sebgħin (1974), kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok. A';**

2. Illi l-familja tal-attriċi, inkluż l-attriċi, huma magħrufin bil-kunjom 'Borg Bonaci', liema kunjom oriġina mill-bużnanna tal-esponenti, *ossia'*, omm in-nannu tal-esponenti min-naħa ta' missierha, li ġġib l-isem ta' Emanuela Borg nee Bonaci, illum mejta, li dejjem baqgħet magħrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci';

3. Illi fl-elf u disa' mija u tlieta u ħamsin (1953) in-nannu tal-attriċi, ossia' missier missierha, Elia Borg, waqaf in-negozju bl-isem ta' 'Elia Borg Bonaci' liema negozju ġie aktar tard fis-sena elf u disa' mija u disa' u sebgħin (1979) reġistrat bħala kumpanija bl-isem ta' 'Elia Borg Bonaci Limited', ta' liema kumpanija l-attriċi hija azzjonista u direttriċi (*vide* dettalji tas-soċjeta' Elia Borg Bonaci Limited, inkluż l-*Involved Parties* fl-istess soċjeta', hawn annessi u mmarkati bħala **'Dok. B'**), u konsegwentement għal dawn l-aħħar sebgħin (70) sena l-familja kollha tal-attriċi, inkluż l-attriċi-esponenti, baqgħu magħrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci';

4. Illi l-axxendenti tal-esponenti għalhekk tul il-bqija ta' ħajjithom magħrufin bil-kunjom Borg Bonaci, u anke l-aħwa tal-esponenti jġorru l-kunjom Borg Bonaci, u anke l-aħwa

tal-esponenti jġorru l-kunjom Borg Bonaci fl-atti uffiċjali tagħhom, kif proprju ser jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża; u din l-istess Onorabbli Qorti ġia' ppronunzjat ruħha f'dan l-istess sens fil-konfront ta' missier l-attriċi, ossia', Salvatore Borg Bonaci, stante li anke hu pprevalixxa mid-dritt tiegħu skond l-artikolu 253 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talab li jsiru t-tibidiliet neċessarji sabiex l-atti uffiċjali tiegħu kollha jirriflettu l-kunjom li bih huwa magħruf, ossia Borg Bonaci; liema talba ġiet milqugħha minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, bin-numru ta' referenza 328/2019JVC;

5. Illi in oltre', l-attriċi bħala persuna minn dejjem kienet magħrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci' u dan kif ser jirriżulta inter alia mill-varji dokumenti li qed jiġu ppreżentati u mmarkati bħala **'Dok. Ċ'** sa **'Dok. Ħ'**;

6. Illi l-fatt li l-kunjom 'Borg Bonaci' li bih l-attriċi hija magħrufa u li hu l-kunjom tal-familja tagħha kollha, ma jikkombaċjax mal-kunjom riprodott fl-att ta' twelid tal-istess attriċi (iskrizzjoni nru. 1590/1974), qiegħed jikkawża inkonvenjent serju lill-attriċi kemm fil-ħajja privata tagħha, kif ukoll f'dik pubblika, hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;

7. Illi l-attriċi tixtieq tiprevalixxi mid-dritt tagħha skont l-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), u titlob illi jsiru t-tibdiliet neċessarji sabiex l-atti uffiċjali tagħha kollha jirriflettu l-kunjom li biha hija magħrufa, ossia' 'Borg Bonaci';

Għaldaqstant, in vista' ta' dan kollu premess, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:

1. Tordna, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 254 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta), il-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Gażetta tal-Gvern skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-istess Kodiċi Ċivili;

2. Tordna lil konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex l-Att tat-Twelid tal-attriċi, Jeanette Borg sive Borg Bonaci iskritt fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 1590/1974 jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', u kunjom il-missier jiġi ndikat bħala "Borg Bonaci" minflok "Borg sive' Borg Bonaci", u dan ai termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ssir annotazzjoni ġenerali fl-istess att tat-twelid li kunjom il-bint ser jinbidel minn "Borg sive Borg Bonaci" ghal "Borg Bonaci";

3. Tordna lil konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan it-tibdil fil-kunjom jiġi rifless fl-atti kollha tal-ħajja ċivili tal-attriċi, u dan ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'riserva għal kull dritt ieħor spettanti lill-attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu l-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi tajjeb jingħad illi a kuntrarju ta' dak pretiz fl-okkju tar-rikors promotur u fit-tieni talba, l-kunjomi 'Borg sive Borg Bonaci' kif indikat fl-Atti fil-poteri tal-esponent mhux indikat b'karattri Maltin u għalhekk għandha ssir korrezzjoni u dan stante illi l-kunjom kif rifless fl-okkju kif ukoll fit-tieni talba m'għandhiex tindika tikek fuq il-konsonanti 'c' u 'g';

4. Illi kif jirriżulta ictu ocoli mill-Att tat-Twelid sħiħ b'numru progressiv **1590/1974**, li qiegħed jiġi anness u mmarkat **<u>Dok. DRP1</u>**, ir-rikorrenti twieldet ġewwa Malta fl-1 ta' Frar 1993 lil Salvatore Borg sive BORG BONACI u Maria Dolores known as Doris wife of the said Salvatore Borg Bonaci. Illi dan huwa skont dak li ddikjara missier l-attriċi fl-Att tat-Twelid imsemmi u għalhekk ma sar ebda żball mill-esponent meta ġie reġistrat l-istess Att. Bħala kunjom, skont il-liġi in vigore dak iż-żmien, l-attriċi ħadet kunjom missierha kif jidher fl-istess Att tat-Twelid u ċioe 'Borg sive Borg Bonaci'. Sussegwentament, kunjomha xebba dejjem ġie indikat bħala 'Borg sive Borg Bonaci' kemm fl-Att taz-Zwieg tagħha bin-numru progressiv 565/2000, kif ukoll fl-Atti tat- Twelid tat-tfal tagħha bin-numri progressivi 1085/2011 u 957/2003 fuq liema Att hija tidher bħala l-Omm;

5. Illi jirriżulta wkoll illi għalkemm maż-żwieġ, ir-rikorrenti ħadet kunjom żewġha u ċioe 'Pace', mas-separazzjoni b'att datat 14 ta' Frar 2023 ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta hija rrevertiet għal kunjom xbubtitha ossia 'Borg sive Borg Bonaci';

6. Illi magħdud mas-suespost, jirriżulta illi missier ir-rikorrenti, kien għamel kawża simili għal dik odjerna (328/2019JVC Salvatore Borg sive Salvatore Borg Bonaci vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku) u t-talbiet tiegħu kienu ntalqgħu minn din l-Onorabbli Qorti kif preseduta fis-sentenza tagħha deċiża 12 ta' Diċembru 2019 u sussegwentament sar it-tibdil neccessarju fuq l-Att tat-Twelid ta' missier ir-rikorrenti fuq l-Att tat-Twelid tiegħu b'numru 40/1994 (anness u mmarkat **Dok. DRP 2**) permezz ta' annotazzjoni;

7. Illi jidher illi r-rikorrenti qegħda tisħaq illi hija dejjem kienet magħrufa bħala Borg Bonaci u mhux Borg sive Borg Bonaci u għalhekk intavolat din il-kawża;

8. Illi speċifikament fir-rigward tat-**Tieni Talba**, l-esponent jirrimetti ruħu stante illi kunjom missier ir-rikorrenti ġia ġie korrett f'dan is-sens salv illi apparti l-korrezzjoni f'kunjom il-missier, sabiex ir-rikorrenti jkollha l-kunjom 'Borg Bonaci', ikun jeħtieġ ukoll illi ssir annotazzjoni ġenerali li permezz tagħha jiġi mibdul kunjom l-attriċi fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 1590/1974 minn 'Borg sive Borg Bonaci' għal 'Borg Bonaci'. Dan stante li fl-1974, kunjom il-wild ma kienx jiġi speċifikat fuq l-Att tat-Twelid in vista tal-fatt li skont il-liġi in vigore f'dawk is-snin, l-ulied kienu awtomatikament jieħdu kunjom missierhom;

9. Illi speċeifikament dwar it-**Tielet Talba**, l-attriċi għandha tindika liema huma l-Atti ta' Stat Ċivili tagħha li għandhom jiġu korretti, bin-numru progressiv u sena ta' kull wieħed u dan skont l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottemetti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tieghu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;,**

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 22 tal-proċess, b'dana illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti illi tevidenzja li effettivament ir-rikorrentoi hija magħrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci' u mhux biss il-kunjom 'Borg'.

Rat ukoll id-dokumentazzjoni ulterjuri esebita fil-mori tal-kawża li tevidenzja li anke ħut ir-rikorrenti u familjari oħra tar-rikorrenti huma magħrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci' u mhux 'Borg'.

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrenti li esebiet illum stess fejn tispjega li hija minn dejjem kienet magħrufa bil-kunjom 'Borg Bonaci' u l-uzu tal-kunjom 'Borg' waħdu fid-dokumentazzjoni ufficcjali taghha qed jikkawżalha diversi problemi fil-ħajja pubblika tagħha.

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqies illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess. Stante iżda illi dak li seħħ ma jidhirx li huwa riżultat ta' xi nuqqas tad-Direttur intimat il-Qorti ser talloka l-ispejjeż xorta waħda lir-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ghar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat li għadhom viġenti sakemm dawn huma nkompattibbli ma' dak hawn deċiż;

3. Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex l-Att tat-Twelid tal-attriċi, Jeanette Borg sive Borg Bonaci iskritt fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 1590/1974 jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', u kunjom il-missier jiġi ndikat bħala "Borg Bonaci" minflok "Borg sive' Borg Bonaci", u dan ai termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ssir annotazzjoni ġenerali fl-istess att tat-twelid li kunjom il-bint ser jinbidel minn "Borg sive Borg Bonaci" ghal "Borg Bonaci";

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan it-tibdil fil-kunjom jiġi rifless fl-atti kollha tal-ħajja ċivili tal-attriċi fil-poter tad-Direttur intimat, u dan ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Tordna li din id-deċiżjoni tiġi notifikata lid-Direttur tal-Reġistru Pubbliku kif trid il-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**18 ta' Ottubru 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**18 ta' Ottubru 2023**